MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2290/1998/1

**P.L. Mario Mifsud Bonnici fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju biex jirrappreżenta lill-assenti Santo Zambuto**

***Versus***

**Joseph M. Zahra bħala editur tal-ġurnal *In-Nazzjon*; u Karl Stagno Navarra**

Din il-kawża hija dwar libell famuż.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-konvenut Joseph M. Zahra bħala editur tal-ġurnal *In-Nazzjon* fil-ħarġa tat-8 ta' Novembru 1997 ippubblika artikolu miktub mill-konvenut Karl Stagno Navarra bl-isem *Talba għad-dokumenti dwar il-każ*. F'dan l-artikolu hemm silta li tgħid hekk:

L-aħbar dwar it-talba li saret mill-*Procura* ta' Torre Annunziata ngħatat mill-aġenzija ta' l-aħbharijiet Taljana *ANSA*, li qalet li s-sekwestru tal-vapur mill-awtoritajiet Maltin seħħ fid-dawl ta' aktar stħarriġ konness ma' l-arrest

u l-estradizzjoni riċenti minn Malta ta' Santo Zambuto li kien imfittex mill-awtoritajiet Taljani b'konnessjoni ma' l-inkjesta ġganteska mlaqqma bħala *cheque to cheque*.

… … …

Minn stħarriġ li għamel dan il-ġurnal il-bieraħ kien ikkonfermat ukoll li l-armi maqbuda telqu mir-Russja u kienu identifikati bħala mini ta' l-art, *machine guns* tat-tip *Kalashnikov*, *bazookas*, *hand grenades* u kwantità kbira ta' munizzjon.

L-attur igħid illi dan il-kliem meħud flimkien hu inġurjuż u libelluż, jagħtih malafama, u jikkawżalu wkoll danni għax, fost ħwejjeġ oħra, jattribwixxi lilu fatti determinati bl-iskop li joffendi l-unur u r-reputazzjoni tiegħu u li jwaqqgħu għad-disprezz tal-pubbliku, billi ġew marbuta flimkien iż-żewġ fatti biex jintefa dell ikrah fuq l-attur. Għalhekk l-attur għandu jedd għad-danni taħt l-Att dwar l-Istampa ġKap. 248 tal-Liġijiet ta' Maltaħ.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti, jew xi wieħed minnhom, taw malafama lill-attur bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija; u
2. tikkundannahom flimkien, jew lil xi wieħed minnhom, iħallsu lill-attur id-danni li jiġu likwidati skond il-Kap. 248, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi fl-artikolu ma hemm xejn libelluż għall-attur għax:

a. il-fatti huma veri u "jammontaw għall-kronaka"; u
b. il-kummenti huma "*fair comment*".

Il-parti ta' l-artikolu li dwarha qiegħed jilmenta l-attur hija mibnija fuq żewġ allegazzjonijiet ta' fatt:

1. il-Pulizija Maltija issekwestrat bastiment mgħobbi bl-armi; u
2. is-sekwestru "seħħ fid-dawl ta' aktar stħarriġ konness ma' l-arrest u l-estradizzjoni riċenti minn Malta ta' Santo Zambuto li kien imfittex mill-awtoritajiet Taljani b'konnessjoni ma' l-inkjesta ġganteska mlaqqma bħala *cheque to cheque*".

L-artikolu għalhekk jorbot is-sekwestru ta' bastiment mgħobbi bl-armi ma' l-arrest u l-estradizzjoni ta' l-attur Santo Sambuto li kien imfittex mill-awtoritajiet taljani.

Mix-xhieda ħareġ illi, għalkemm huwa minnu li l-attur kien imfittex mill-awtoritajiet taljani, u illi nqabad bastiment mgħobbi bl-armi, ma hemmx rabta bejn dawn iż-żewġ

fatti. Anzi, it-Tribunal ta' Torre Annunziata ħareġ stqarrija li tgħid illi l-attur kien mistħarreġ biss dwar reati ta' riċiklaġġ ta' flus u illi "*allo stesso non è stato contestato alcun reato inerente la violazione della normativa sulle armi*". Ħareġ ukoll illi ma hux minnu illi l-attur kien estradit minn Malta iżda kien biss deportat.

Għalhekk ma seret ebda prova illi s-sekwestru tal-bastiment kien b'xi mod marbut ma' xi ħaġa li fiha kien imdaħħal l-attur. Anzi, saret prova illi, kontra dak li jingħad fl-artikolu, ma kien hemm ebda rabta bejn iż-żewġ fatti.

Il-konvenuti jgħidu illi meta xandru l-artikolu huma qagħdu fuq stqarrija maħruġa mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet ANSA. L-istqarrijiet ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet, iżda, ma jgawdux privileġġi taħt il-liġi meta dak li jxandru ma jkunx minnu, u min joqgħod fuq dawk l-istqarrijiet biex ixandar fatti foloz ma jistax jinħeba warajhom biex jeħles mir-responsabbiltà.

L-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti hija għalhekk miċħuda.

L-eċċezzjoni ta' *fair comment* ukoll ma tistax tirnexxi meta l-kummenti jsiru fuq fatti li huma foloz. Dik l-eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

Il-qorti, wara li qieset illi fl-artikolu ixxandru fatti foloz li ma jagħmlux ġieh lill-attur, iżda fl-istess artikolu ma jingħadx illi l-attur huwa ħati ta' traffikar ta' armi iżda biss illi s-sekwestru tal-bastiment kien marbut ma' stħarriġ dwar l-attur, u qieset ukoll illi l-attur tassew kien mistħarreġ mill-awtoritajiet dwar illeċiti penali, għalkemm mhux dwar traffikar ta' armi, hija tal-fehma illi s-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) hija kumpens xieraq biex ipatti għad-danni li ġarrab l-attur bil-malafama.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tgħid illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-artikolu mxandar fil-ħarġa tat-8 ta' Novembru 1997 tal-ġurnal *In-Nazzjon*, tillikwida d-danni fis-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) u tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu lill-attur is-somma ta' tliet mitt lira (Lm300) flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

---------------------------------TMIEM---------------------------------